KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 35

L-erbgħa u tlettin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Tlieta 28 ta' Settembru 2021 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Illona Fenech | Kunsilliera |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.20:*

*35.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 33;*
*35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*35.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*35.5 Rapporti;*
*35.6 Items Oħra*
*35.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*35.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*35.9 Mozzjonijiet*
*35.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 35.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

35.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsilliera I.Fenech, P.P.Portelli, J.Pillow u V.Galea Pace talbu li jkunu skużati. It-talba kienet approvata għal kull wieħed minnhom. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi l-kunsillier W.Vella Baldacchino se jittardja minħabba impenji tax-xogħol.

## 35.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 34

35.2.1 Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier D.Muscat issekonda l-proposta. Il-minuti ġew approvati unaniment. *Minuti nru 34*

**Is-Sindku qal illi s-superintendent il-ġdid kien mistieden biex jiġi jgħid kelmtejn lill-kunsilliera. Is-superintendent daħal fis-18:25pm**

**Wara l-introduzzjoni tiegħu u diskussjoni informali bejn il-kunsilliera u s-superintendent, għall-ħabta ta' 18:55 is-Sindku awgura lis-superintendent għall-kariga l-ġdida tiegħu f'isem il-Kunsill. Is-Superintendent telaq għal ħabta ta' 18:55.**

**Il-kunsillier W.Vella Baldacchino daħal fis-18:55**

## 35.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

35.3.1 Is-Sindku qal illi l-kunsillier D.Soler kellu mistoqsijiet dwar is-CCTV li kienu se jkunu portable u xtaq illi jiċċara ftit l-informazzjoni. Qal illi se jkun hemm dawk illi se jkunu fissi waqt illi dawn se jiċċaqalqu skont il-bzonnijiet. Qal illi mhux kull waħda se tkun portable. *CCTV*

35.3.2 Is-Sindku qal illi jixtieq illi jkun hemm tim zgħir magħmul mill-kunsilliera biex inħaffu l-proċess dwar l-interess tagħna fil-proġett. Qal illi r-Reġjun qed ifittex post ġdid ukoll u forsi hemm iċ-ċans illi jidħlu magħna. *Villa Schinas*

35.3.3 Is-Sindku qal illi la hemm domanda għall-Council Cab, qed jipproponi li s-servizz tiġi estiza għal wara nofsinhar. Kien hemm qbil. *Council Cab:Wara nofsinhar*

35.3.4 Is-Sindku talab update dwar il-vakanza għall-post klerikali fejn id-D.S.E qalet illi applikazzjonijiet issa għandom jaslu sas-7 ta' Ottubru. *Impjegata ġdida*

**Il-kunsillier W.Vella Baldacchino u K.Wain ħarġu mill-kamra fis-19:13**

35.3.5 Is-Sindku għamel referenza għall-evalwaturi tal tenders kif ġew imqassmin fil-laqgħa preċedenti, u fejn qal illi dawn saru kif saru b'intenzjonijiet tajbin. Sfortunatament wara l-laqgħa kien hemm min ma qabilx izda ried ikun ċar illi l-intenzjoni kien biex inħaffu x-xogħol u mhux biex indejqu jew nuru disrispett lejn persuna jew oħra. Il-kunsillier D.Soler qal illi bħala kunsillier responsabbli għall-knis ħass illi għandu jkun parti mill-bord. Kien hemm qbil illi jieħu post il-kunsillier P.Radmilli li se jieħu post is-sur Soler fit-tender tar-resurfacing tat-toroq. *Evaluation Boards Tenders*

35.3.5 Is-Sindku qal illi ċerti proġetti għadom lura u talab illi l-lista terġa tintbagħat lill-kunsilliera kollha fejn hemm miktub min se jieħu ħsieb kull waħda minnhom. *Proġetti: Lista*

35.3.6 Is-Sindku qal illi rċieva talba sabiex terġa ssir attivita oħra ġewwa triq Bisazza. Fakkar illi fil-passat inħoloq ħafna problemi u l-Kunsill *Commercial Fair and Exhibition: Attivita Bisazza str.*

anka kien ħareġ flus għalihom. B'hekk meta waslu l-ilmenti, il-Kunsill kellu l-obbligu li jirrispondi avolja l-attivita saret minn entita oħra. Qal illi kien hemm talba wkoll għall-assistenza finanzjarja kif ukoll għall-permess. Ta l-opinjoni tiegħu biex nieħdu l-opinjoni tal-istabbilimenti li frekwentament ilmentaw fil-passat meta saru attivitajiet simili.

Wara diskussjoni kien hemm qbil illi ssir laqgħa mall-persuna li resqet it-talba. Il-Viċi qalet illi din il-persuna għandha tipprovdi petizzjoni ffirmata mill-istabilimenti.

Tim magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku w il-kunsilliera A.Debono u D.Soler se jiltaqaw mall-proponent tall-attivita.

**Il-kunsillier P.Radmilli talab biex ikun skuzat fis-19:32. Kien skuzat u ħareġ mill-kamra.**

35.3.7 Is-Sindku qal illi ċitazzjonijiet qegħdin joħorġu għall-użu ta' escooters jekk hemm ksur ta' liġi. Izda qal l-ikbar uġigħ ta' ras għall-poplu tibqa dawk illi jitħallew mitlquin kullimkien. Qal illi l-kumpaniji qegħdin jitolbu li nipprovdu zoni biex jitħallew jipparkjaw sabiex din l-issue tiġi indirizzata. *E-scooters*

Is-Sindku żied illi jixtieq l-appoġġ tal-kunsill biex l-użu tagħhom fuq il-Promenade tkun biss jekk jinzlu sa 3km/hr. Il-kunsillier D.Soler qal b'dak l-ispeed wieħed ma jzommx kontroll tal-vettura.

Is-Sindku ppropona li jsuqu biss fuq in-naħa tal-Promenade man-naħa tat-triq izda ma jkunx hemm markings biex ma nieħdux post tal-pubbliku. Kien hemm qbil

Il-kunsillier K.Wain qal illi għad hemm regolamenti li għandom jiġu indirizzati, per ezempju l-ilbies ta' helmets għas-sigurta.

Il-kunsillier A.Debono qal illi biex dawn ma jintuzawx sempliċiment bħala 'toy' hemm bzonn jiġu indirizzati l-issue li semma s-sur Wain, kif ukoll illi jkun hemm limitazzjonijiet tal-ispeed, eċċ

35.3.8 Is-Sindku għamel referenza għall-funtana tal-globu fl-area ta' Taormina, fejn sar ħafna xogħolijiet pero l-istruttura tilfet il-bilanċ u fejn suppost jistrieħ qed tidħol u toħroġ l-arja u b'hekk ma taħdimx. Qal illi jew se tinbena mill-ġdid jew noħorġu feature ġdid bil-ballun illi hemm. Il-Kunsill qabel illi nieħdu parir minn espert. *Funtana: Taormina*

35.3.9 Is-Sindku qal illi Old College str. Hemm problema ta' tixrix ta' ilma li tispiċċa duq id-djar tan-nies meta jagħdu l-karozzi. Qal illi l-aħjar soluzzjoni tkun illi teqleb in-naħa tal-parking, izda se jintilfu ftit parking f'dak il-każ. Qal illi hemm l-istess problema ġewwa triq *Old College str Blanche str Ilma tax-xita*

Blanche Huber fejn ukoll f'dak il-każ nitilfu xi ftit postijiet ta' parkeġġ.
Il-kunsillier A.Debono qal illi hemm ċerti bollards fuq il-bankina illi jekk isir għata fuq kull waħda nevitaw xi ftit dawn il-problemi. Kien hemm qbil illi nibdew minn hemm.

35.3.10 Is-Sindku qal illi saru planters ġodda Manoel Dimech u s'issa smajna affarijiet sbieħ. Is-Sindku qal illi hemm spazju biex isir oħra mall-kantuniera ta' Depiro. *Planters*

**Il-kunsillier P.Radmilli wasal lura fit-20:05**

35.3.11 Is-Sindku nforma li l-kuntrattur tar-Regina Hotel għandu jagħmel il-casting tal-konkrit dalwaqt u m'hemm l-ebda alternattiva ħlief illi ssir minn triq it-Torri. Ta rekommandazzjoni biex naslu f'kompromess li tiġi 'sealed off' area partikolari tat-triq illi effettivament se ssir parti mis-sit ta' kostruzzjoni u li jagħtu kontribuzzjoni lura għall-ġid tall-kommunita. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi ssir talba biex l-upgrade ta' Q.S.S isir mill-kuntrattur bħala C.S.R. *Regina Hotel*

**Il-kunsillier W.Vella Baldacchino ħareġ 20:25**

## 35.4 TWEĠĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET

35.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

## 35.5 Rapporti

35.5.1 Is-Sindku qal illi l-Contracts Manager għamel talba biex jiltaqa mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv u li din il-laqgħa se ssir nhar il Ħamis 30 ta' Settembru..

## 35.6 Items Oħra;

35.6.1 Il-kunsillier K.Wain staqsa dwar il-funtana ta' Ġnien Independenza li għanda l-pont. Is-Sindku fakkar illi kien hemm qbil illi ssir Water Sculpture. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi applikajna għall-fondi u ma ġejniex magħżula izda sejħa simili għanda terġa toħroġ. Qal illi hemm bzonn nieħdu deċiżjoni fuqha u ppropona li tiġi diskussa fil-

kumitat tal-fondi.
Il-kunsillier K.Wain qal hemm bzonn ta' intervent sabiex ineħħu l-perikli li jeżistu.

35.6.2 Il-kunsillier P.Radmilli ta update rigward l-issue tal-ARMS fejn intbagħtet ittra mill-avukat u kien hemm miktub ċar u tod Id-deċiżjoni tal-Kunsill, cioe li l-Kunsill se jagħmel tajjeb għall-dawk l-ispejjez għall-kontijiet fejn hemm provi li kien hemm trasferiment tal-kont f'isimna. Żied illi ittra oħra qed tintbagħat lil Lands, flimkien mall-formoli tat-trasferiment, sabiex dawn ma jkomplux jidhru f'isimna.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat u hemm bzonn qbil unanimu sabiex il-laqgħa titkompla. Kien hemm qbil.**

35.6.3 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm fond ta' massimu €45,000 għall-attivitajiet tal-Milied fejn inkunu eliġibbli għal 90% tal-ispejjez. Se jiġu diskussi attivitajiet izda kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jagħmel tajjeb għal 10% tal-ammont globali.

35.6.4 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi dalwaqt se ssir il-proġett ta' Urban Greening, u staqsa jekk hemm qbil illi l Oleander tiġi trasferita għal post differenti. Dan wara li ġie zvelat illi għadom tajbin u jistaw jiġu relokati mingħajr problema. Kien hemm qbil illi dawn għandom isiru fejn se ssir l Outdoor Gym ta' Q.S.S

35.6.5 Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi tfajna applikazzjoni għax-xiri ta' karozzi elettriku biex tintuza għas-servizz ta' Council Cab. Qal hemm bzonn kumitat għal din it-tender. Ir-rapprezentanti se jkunu I.Fenech, J.Pillow u il-Viċi Sindku

35.6.6 Il-Viċi Sindku qalet illi se jkun hemm proġett fuq bażi nazzjonali biex tibda l proċess biex ikun hemm kontroll fuq l ammont ta' ħamiem salvaġġ illi hawn. Qalet illi kelna bzonn nagħżlu 2 postijiet fejn għandom isiru cylos u ikel anti-reproductive. Dawn il-postijiet huma fuq il-knisja ta' Sacro Cuore, u fuq il-bejt ta' Sliema Wanderers Football Club.

35.6.7 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk se toħroġ tender għall-ħasil tal-bankini. Kien hemm qbil.

35.6.8 Il-kunsillier A.Debono qal illi l-ħsieb għall-Milied li ġej hu sabiex inzommu d-dekorazzjonijiet illi għamilna s-sena l-oħra u nzidu xi ftit magħhom. Se nibagħtu wkoll lil stabbilimenti ġodda biex nippruvaw inżidu mat-toroq illi saru s-sena l-oħra.
Se toħroġ CfQ sabiex inzidu disinji ġodda għal triq Borg Olivier, fejn Nappa Bar, l-area tal-lazy corner,u fejn il-Lady Di, kif ukoll id-dawra tal-Imperial biex b'hekk nolqtu kull Parroċċa.

35.6.9 Il-kunsillier D.Muscat qal illi ħafna nies irċevew l-applikazzjonijiet għan-nominazzjonijiet ta' Ġieħ Tas-Sliema. Ta rendikont tal-attivitajiet. Se ssir laqgħa nhar il-Ħamis 7 ta' Ottubru fil-5pm online sabiex ikun hemm qbil fuq in-nominazzjonijiet u r-rapport tal-Bord.

35.6.10 Il-kunsillier D.Muscat qal illi saret laqgħa mas-sur Steve Buhagiar dwar l-inizjattivi f'isem il-ġrajjiet, u n-nies li mietu, waqt il-gwerra. Il-Kunsill kien iddeċċieda li din isir f'Novembru. Il-ħsibijiet kienu li isir plakka biex nikkommemoraw il-vittmi ta' triq Santa Rita, inħawwlu siġra fejn il-monument tal-gweera, ikun hemm il-brigades u ssir quddiesa.

35.6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bħalissa hemm 3 impjegati bi Skala 10/11 u 3 bi Skala 15 waqt illi hemm sejħa għal persuna oħra ta' din l-iskala. Ippropona li jkun hemm impjegat taħt Skala 13 u kien hemm qbil bis-suġġeriment. Qal illi hemm bzonn toħroġ sejħa li tibda b'waħda interna.

35.6.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tender u CfQ ħarġu għax-xiri ta' vent covers izda ħadd ma ura interess. Sabiex tintbagħat talba għal Direct Order hemm bzonn approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil tal-Kunsill. Żied illi peress illi izjed kmieni fil-laqgħa l-kunsillier P.Radmilli ħabbar illi l-Kunsill jista jieħu ħsieb relokazzjoni tal-Oleander, u huwa ferm importanti li nużaw l-istess kuntrattur biex ix-xogħol isir bi proġett wieħed, ukoll għandna nagħmlu l-istess talba la l-ammont hi ta' €2,800. Kien hemm qbil.

35.6.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ta spiss l-amministrazzjoni qed tirċievi talbiet mingħand il-kunsilliera stess biex isir manutenzjoni fuq tappieri ta' servizzi privati. La dawn huma privati huwa sid il-propjeta li għandu jerfa responsabbilta izda fl-istess ħin bħala Kunsill għandna naraw illi nneħħu perikli li jeżistu, speċjalment jekk sid il-post ma jgħix fil-propjeta stess. Izda kien hemm bzonn diskussjoni bejn il-kunsilliera sabiex dejjem inzommu mal-liġi, u

naraw meta għandna nieħdu azzjoni.
Kien hemm qbil illi nibagħtu lil sid il-post biex jieħu ħsieb il-manutenzjoni u jekk din ma ssirx, il-Kunsill ineħħi l-perikli u tinbagħat kont lil sid il-post.
Is-Sindku qal illi jista jkun il-każ ukoll illi sida il-post jieħu ħsieb ix-xogħolijiet imma terġa tinkisser minħabba raġunijiet li ma jkunux fil-kontroll tiegħu u tagħha, per ezempju li karozzi jitilaw fuq il-bankina ecċ.

35.6.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm fondi tar-Reġjun sabiex jinxtraw AED's. Kien hemm qbil unanimu għax-xiri tagħhom.

**35.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u'jew Sotto Kumitati**

35.7.1 Ma kien hemm l-ebda rapport

**35.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

35.8.1 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-iskeda tal-pagamenti tiħi approvata.
Il-kunsillier K.Wain ssekkondaħ.

**35.9 Mozzjonjiet;**

35.9.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni

**35.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

35.10.1 Is-Seduta ntemmet fil-22.50. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar l-Erbgħa 27 ta' Ottubru 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jista jkun il-każ illi ma jkunx jista jattendi dakinhar.

Minuti approvati llum nhar l-Erbgħa 27 ta' Ottubru 2021

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

| | |
|---|---|
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |